DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/85

tas-16 ta' Jannar 2017

dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija, rigward il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija fil-programmi tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212 flimkien mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6), u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/904 ([2]), il-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija rigward il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija fil-programmi tal-Unjoni ([3]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll") ġie ffirmat f'isem l-Unjoni fl-4 ta' Ġunju 2015.

(2) L-objettiv tal-Protokoll huwa li jistabbilixxi r-regoli finanzjarji u tekniċi li jippermettu lir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija tipparteċipa f'ċerti programmi tal-Unjoni. Il-qafas orizzontali stabbilit mill-protokoll jikkostitwixxi miżura ta' kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika li tagħti aċċess għall-għajnuna, b'mod partikolari għajnuna finanzjarja, li għandha tiġi pprovduta mill-Unjoni skont il-programmi tal-Unjoni. Dan il-qafas japplika biss għal dawk il-programmi tal-Unjoni li għalihom l-atti legali kostituttivi rilevanti jippermettu l-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija. Għalhekk, il-konklużjoni tal-Protokoll ma tinvolvix l-eżerċizzju tas-setgħat taħt id-diversi politiki settorjali segwiti mill-programmi, li jiġu eżerċitati meta jiġu stabbiliti l-programmi.

(3) Il-Protokoll għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħhha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija rigward il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija fil-programmi tal-Unjoni ġie b'dan approvat f'isem l-Unjoni ([4]).

([1]) Il-Kunsens tat-13 ta' Diċembru 2016 (għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/904 tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija rigward il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija fi programmi tal-Unjoni (ĠU L 148, 13.6.2015, p. 1).
([3]) ĠU L 148, 13.6.2015, p. 3.
([4]) Il-Protokoll ġie ppubblikat fil-ĠU L 148, 13.6.2015, p. 3, flimkien mad-Deċiżjoni dwar l-iffirmar.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill jipproċedi, f'isem l-Unjoni Ewropea, skont in-notifika provduta fl-Artikolu 10 tal-Protokoll ([1]).

Artikolu 3

Il-Kummissjoni hija awtorizzata li tistabbilixxi, f'isem l-Unjoni, it-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija f'kull programm partikolari tal-Unjoni, inkluża l-kontribuzzjoni finanzjarja pagabbli. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-grupp ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill infurmat.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Jannar 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MOGHERINI

([1]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.